MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 2399/2004

**Atlas Insurance Limited [C 15239], de proprio kif ukoll kif**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard**
**Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited, bhala agent tas-socjeta' estera**
**Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-**
**bastiment "M.V. Eurostar Valencia" u The Cargo Handling**
**Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin (Lm277) rapprezentanti danni fi tlett vetturi wara konsenja li waslu f'Malta fuq il-bastiment M.V. Eurostar Valencia ghal liema hsara kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti.
Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited fejn fl-ewwel lok qalet illi m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici u dana minhabba li qdiet l-obbligi taghha.

Fit-tieni lok qalet illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-provi tas-surroga moghtija a favur taghha.

Fit-tielet lok l-istess socjeta' konvenuta qalet illi t-talba in konnessjoni mas-*survey fees* ghandha tigi michuda stante li ma tezisti l-ebda prova ta' l-istess.

Filwaqt li fl-ahhar lok qalet illi l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa eccessiv.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn fl-ewwel lok qalet illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-provi illi l-allegat nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet.

Fit-tieni lok l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa kkontestat u dan ghaliex huwa eccessiv.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Peter Saliba li huwa Surveyor ma' Atlas Insurance Limited fejn jikkonferma s-*survey*.

Ra x-xhieda ta' Brian Valenzia fejn jikkonferma x-xhieda ta' Peter Saliba.

Ra x-xhieda ta' John Falzon li jiehu hsieb il-konsenji ta' Michael Attard Limited fejn jikkonferma li kien ghamel *survey* gox-*shed* ta' The Cargo Handling Company

Limited imbaghad kien sejjah lil ta’ l-assigurazzjoni meta l-karozzi waslu fil-*warehouse* ta’ Michael Attard Limited.

Ra x-xhieda ta’ Dennis Satariano li huwa Tally Clerk imqabbad minn Sullivan Maritime Limited fejn jikkonferma li kien ghamel *tally* ta’ konsenja ta’ vetturi. Jghid illi t-*tally* sar fuq ir-rampa tal-vapur fid-*deep water quay*.

Jghid illi fit-*tally sheet* hemm rimarka li wahda mill-vetturi Peugeot ma setghetx tisstartja u ghalhekk kellhom jaghmlu *towing*. Jikkonferma li dik kienet l-unika rimarka li kien hemm fuq l-erbatax-il vettura Peugeot.

Satariano jikkonferma li m’ghandux Bill Of Lading li jkopri l-vetturi.

Illi b’Nota tal-10 ta’ Novembru, 2005 is-socjeta’ attrici cediet il-kawza fil-konfront tas-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited.

**Ikkunsidra**

Illi gew esebiti *joint tally sheets* a fol 51, 53 u 55 tal-process.

Illi fil-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob ammont dovut in konnessjoni mal- hsarat (Dok. ZM4). Illi fit-*tally sheets* ta’ Sullivan Maritime Limited m’hemm l-ebda rimarka dwar danni. Illi s-sottomissjoni tas-socjeta’ attrici hi li jekk Sullivan Maritime Limited kienu baghtulhom kopja tat-*tally sheets* qabel ma nfethet il-kawza ma kienx ikun hemm bzonn li Sullivan Maritime Limited tkun imharrka bhala konvenuta flimkien ma’ The Cargo Handling Company Limited. Illi Peter Saliba xehed li saret talba lil Sullivan Maritime Limited ghall-kopji tat-*tally sheets* qabel ma pprezentaw il-kawza. Illi Sullivan Maritime Limited lanqas irrispondew ghal din it-talba u naqsu milli jikkontestaw dan.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici kellha ragun li tipprocedi kontra Sullivan Maritime Limited ghaliex li kieku kienu baghtulhom kopja tat-*tally sheets* jew almenu dik il-parti

rilevanti, s-socjeta' attrici kienet tkun f'pozizzjoni li tirregola ruhha ahjar.  Bhala fatt jirrizulta Sullivan Maritime Limited ma kellha l-ebda tort ghad-danni.  Illi f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' attrici u Sullivan Maritime Limited ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------